# Jum ir-Riflessjoni

Antoine Cassar

Għada l-elezzjoni...
Jiena, Malti ta' barra
u barrani ta' ġewwa,
wara nofs ħajja
f'eżilju bl-addoċċ
nissindika mill-bogħod,
jirriżulta
li għada se nixħet
għall-ewwel darba l-vot.

Jum ir-riflessjoni...
Passiġġata fil-Belt,
qassata, ir-rassa
tan-nies, paqqa
wara paqqa,
nieqaf ħa nieħu nifs
fejn it-teatru mwaqqa'
u bilqiegħda

il-kummiedja nosserva.

Tant tgħallimt u tħawwadt
mit-tagħjir u l-għajjat bla għadd

University of Malta Melitensia Main Library

li ħsiebi rabba s-sura
ta' qrun iċ-ċerva...
waqt li f'qorrigħat in-nies

nissemma' bejn il-partiti
jissokta t-tpartit
ta' semm is-suppervja.

Mur semma' leħnek
f'nofs dil-ħerba,
frattarija u ċaqċiq!
Għada nivvota nixtieq...

Nivvota nixtieq,
f'pajjiż fejn l-ilsna klubija
ma jaħlux ta' kuljum ir-riq
isewdu t-triq bi mxija
li minnha ħadd ma jfiq...

Nivvota nixtieq,
f'pajjiż fejn il-blu jfisser
baħar u sema
u xejn iżjed minn baħar u sema,
fejn l-aħmar ma jfissirx dmija,
fejn fil-kamra tal-imtallgħa
darba, darbtejn u mija
jintwera u jinstema'
kull lewn tal-qawsalla...

Nivvota nixtieq, f'pajjiż
fejn jesgħu l-forsi, l-aktarx,
l-għandu mnejn, il-jalla,
fejn nista' nagħżel li nagħżel,
fejn min b'fommu jwiegħed l-għasel
ma jirfisx l-għada kull warda
b'sieqi mmarrda,
biex fuqha jkompli jkabbar

ix-xehda tal-ġebel misruq
mill-għelieqi bla għeluq
ħa jżid mad-diqa tad-djuq...

Nivvota nixtieq,
f'pajjiż li nista' nsemmi
bla geddum u bla ċiera,
fejn ma nibqgħux niksu l-madum
b'daqstant simboli fiergħa,
fejn il-ħaddiem huwa l-imgħallem,
fejn l-għalliem ma jibżax jgħallem,
fejn qajla jkollhom
x'jitħabtu l-infirmiera,
fejn it-tadam jibqa' jkollu
togħma ta' tadam,
fejn idejn min jaħrat l-art
jiswew daqs is-subgħajn ratba
ta' min id-destin jiffirma f'salt,
fejn fil-ħolm ikrah ta' kull ħames snin

ma nibqax nara gżiriti
bejn ħalla u ħalla
dgħajsa bil-falla
tbaħħar ma' xifer belliegħa ġo
        belliegħa bla
                fond, bla
                  qiegħa...

Għalhekk għada jiena l-unu nixtieq nagħti
lil min hu ħati li jbati
il-moħqrija taċ-ċnagen,
l-iskieken sfiqa tad-dħaħen,
l-unu nixtieq nagħti
lil ħija, lil sieħbi,
lil nannti, lil qaribi,
lis-sinjura fuq ir-radju
itgemgem b'leħen kiebi,
lill-furnar, lis-sajjied,
lit-tfal jilagħbu fil-wied,
lill-bilbla tpassi fis-skiet,
lil dil-kilba għal niskata arja
f'nofs il-ħamba tal-ibliet,
iżda fuq kollox, għada
l-unu nixtieq nagħti

lill-pittur li b'kull kulur
tat-tavlozza jiżbogħ it-tila
tonda, fonda, b'mitt
tiżwiqa mogħnija
u kburija daqs bandiera
fuq ras it-tripied.